MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

# Familja



**Xitwa 2018**

Is-Segretarju Permanenti Mark Musú u d-Direttur tal-Moviment ta' Kana Monsinjur Charles Attard *Ritratt -DOI : Kevin*



## Il-Milied u s-Sena t-tajba




*Ftehim bejn il-Gvern u l-Knisja dwar servizz ta' counselling mill-Moviment ta' Kana*

**Rapport f'paġna 19**

*L-isbaħ awguri ta`paċi, ferħ u ġid għal Milied u s-sena t-tajba lil kulħadd*

**Rapport f'paġna 03**

*Tiġi fi tmiem is-sena tal-kapitali Valletta bħala l-Belt Kapitali Ewropea 2018*

**Rapport f'paġna 11**

**Ħarġa 04**

# Ħajr : Qarrejja u Kontributuri

Din il-pubblikazzjoni setgħet tkun possibbli grazzi għal diversi kontributuri li ħadmu magħna fil-passat, kif ukoll oħrajn ġodda li qed jingħaqdu magħna. Dan bil-għan li l-impenn fl-istruttura korporattiva ta' din l-entità tkompli tissaħħaħ. Grazzi tmur ukoll lilkom il-qarrejja tal-kummenti pożittivi li bgħattulna f'dawn l-aħħar ġimgħat wara l-ewwel ħarġiet ta' dan il-magazine, 'Familja'.

**Is-Sur Mark Musù**

*- Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali*

**Is-Sur Anton Cesare**

*- Direttur tas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija MFCS*

**Is-Sur George Zammit**

*- Lajk u Missier ta' Familja*

**Is-Sur Ronald Zaffarese**

*- Koordinatur tal-Anzjanità Attiva SVP*

**Is-Sur Vincent Tonna**

*- Senior Social Worker u Edukatur*

**Is-Sur Tony Micallef**

*- Koordinatur PR Ċentru tat-Trasfużjoni tad-Demm*

**Is-Sur Alex Gobey**

*- Koordinatur tas-Servizz tal-Kura tad-Dementia AACCD*

**Is-Sinjorina Josephine Vella**

*- 42 sena taħdem fid-Dipartiment fi ħdan l-MFCS*

**Is-Sur Carl Grech**

*- Executive Officer, Aġenzija Appoġġ*

**Is-Sur Stefan Borg**

*- Communications Secretary tal-Onor. Ministru*

**Is-Sinjura Doris Zammit**

*- Xandara Veterana*

**Is-Sinjura Mary Grace Cassar**

*- Kriminoloġistá, Occupational Therapist*

**Is-Sinjura M'Christine Agius**




## L-Editur

'Familja' hi pubblikazzjoni ta' kull tlett xhur maħruġa mit-Taqsima 'Corporate -Wide Media & Communications' fi ħdan il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

'Familja' toħroġ fil-verżjoni *on-line* kif ukoll stampata, maħsuba u indirizzata, għall-impjegati fit-taqsimiet diversi ta' dan il-Ministeru, kif ukoll għall-pubbliku nġenerali.

Jekk tixtieq tibda tikteb fil-magazine 'Familja' jew għandek talent, delizzju, kollezzjonist jew tixtieq taqsam xi esperjenza pozittiva mal-qarrejja tagħna u jogħġbok li tkun intervistat, iktbilna u nagħmlu kuntatt miegħek.

Il-kontenut f'kull ħarġa ta' 'Familja' mhux neċessarjament jirrifletti l-opinjoni Editorjali.

Biex tirċievi 'Familja' tista' tiktbilna; ***familja.media@gov.mt*** - Tista' wkoll tikteb fl-indirizz; *Corporate-Wide Media & Communications, MFCS Palazzo Ferreria, 38* Triq L-Ordinanza, Valletta.

Tista' tagħmel kuntatt magħna wkoll

# L-EDITORJAL



**Tonio Bonello**
*Editur 'Familja'*
*Information & Communications Executive*
*Corporate-Wide Media & Communications MFCS*

## Ringrazzjamenti

Bl-għajnuna t'Alla u tal-Madonna ta' Pinu wasalna lejn tmiem ta' sena oħra. Personalment nistqarr, kienet sena ta' sodisfazzjon kbir, ta' ħidma intensa fejn instabu l-għeruq, il-pedament li fuqu se tkun qed timbenà l-istrateġija kollha ta' komunikazzjoni għal dan il-Ministeru.

Fuq kollox, sena fejn ġew stabbiliti kollegi ġenwini li nista' ngħid, ħdimna id f'id u smajna lil xulxin f'ambjent tassew, aktar ta' ħbieb, milli ta' sempliċi kollegi. Fid-dawl ta' dan, ma nistax ma nirringrazzjax lis-Segretarju Permanenti u lid-Direttur għas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija u dawk il-ħaddiema kollha li flimkien magħhom għaddejna dawn it-tnax il-xahar ta' tant impenn, iżda bl-istess qies, b'tant sodisfazzjon.

## Ħajr Editorjali

Bħal kull sena, nixtieq ngħid grazzi kbira, b'mod speċjali lil sħabi kontributuri ta' dan il-magazin 'Familja' li bla ebda stennija ta' xejn, fil-ħin tagħhom, anke jekk diġa' mpenjati ħafna bil-familja u xogħol, isibu l-ħin biex f'kull ħarġa jagħtu servizz tagħhom permezz ta' artikli u kontribuzzjonijiet tassew validi u nteressanti.

Ippermettuli għalhekk insemmi b'isimhom lil kollegi; is-sinjuri Mark Musù, Anton Cesare, Joe Cachia, Doris Zammit, Mary Grace Cassar, George Zammit, Ronald Zaffarese, Vince Tonna u Matthew Mangion.

Ma' dawn, is-sinjuri Alex Gobey, Tony Micallef,

## Milied ħieni

Josephine Vella, Remenda Grech, Maria Christine Agius, Carl Grech u tant oħrajn li permezz tagħhom tista' tkun possibbli r-rivistà ta' dan il-Ministeru ta' kull tlett xhur, 'Familja'.

## It-Triq 'il Quddiem

Fuq kollox nixtieq f'isem il-management u l-istaff kollu tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, nawgura tassew Milied ħieni, ta' maħfra u ta' mħabba u sena ġdida b'ħafna saħħa, paċi u kuntentizza lilkom ilkoll u l-familji kollha tagħkom.

Matul din is-sena sar ħafna xogħol f'kuntest ministerjali. Forsi, fost l-akbar miri u sfidi kien il-*One Stop Shop* li se jkun inawgurat fil-ġimgħat li ġejjin fil-Floriana. Dan bil-għan li għall-ewwel darba, il-klijent, jew aħjar, il-pubbliku Malti, ma jkollux għalfejn idur f'diversi lokalitajiet biex jikseb numru ta' servizzi fl-istess ħin.

Il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali laħaq miri oħra. Il-ftehim bejn il-Gvern u l-Knisja lejn nofs l-2018 bil-għan li persuni u/jew familji li jinħtieġu servizzi ta' counselling, issa se jkunu jistgħu jitolbu dan is-servizz mill-Moviment ta' Kana mingħajr ebda ħlas.

Pass ieħor kbir 'il quddiem kien dak dwar l-Att tal-Protezzjoni tat-Tfal li f'Ġunju li għadda kien approvat mill-Kabinet u eventwalment ġie mniedi proċess ta' konsultazzjoni pubblika.

Dan kollu iżda ma jfissirx li wasalna. Ifisser li l-miri

# Taħriġ bi Skype għall-impjegati tal-MFCS u l-PPCD

## Bl-għan li s-servizz aħħari lejn il-pubbliku jitwassal aħjar




**B**ejn tmiem Settembru u l-ewwel jiem ta' Ottubru ta' din is-sena kienet imnedija ġimgħa ta' taħriġ għall-impjegati tal-MFCS (Il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali flimkien ma' dawk tal-PPCD (Planning and Priorities Co-ordination Division).

Dan it-taħriġ kien wieħed b'differenza għaliex madwar sittin parteċipant, minflok ma kellhom jinġabru lkoll f'sit wieħed bl-inkonvenjenzi kollha li joħorġu minn xogħolhom, jivjaġġaw u jippruvaw isibu fejn iħallu l-vetturi tagħhom, dan sar fil-kumdità tal-istess uffiċini tagħhom permezz ta' sessjonijiet fuq Skype.

It-tema ewlenija tat-taħriġ kienet dik dwar l-użu tal-programm, 'Office 365' u f'kull sessjoni kien indirizzat aspett partikolari ta' dan il-pakkett ta' servizzi.

Fost dawn; *Skype for Business, Microsoft Teams, OneDrive for Business & Office apps, New ways of working—effective meetings* u *New ways of working—team collaboration* rispettivament.

It-taħriġ li sar bejn is-26 ta' Settembru u t-Tlieta 2 ta' Ottubru kien immexxi minn Tina Damaskou, *Digital Advisor* ta' Microsoft li tul is-sessjonijiet spjegat fid-dettal l-użu sħiħ ta' kull applikazzjoni bil-għan li dawn jiffaċilitaw aktar ħajjet kull impjegat fuq il-post tax-xogħol.

Wara kull sessjoni kien hemm ħin għad-domandi tal-parteċipanti. Għal dan il-għan, MITA pprovdiet *headsets* apposta biex il-komunikazzjoni bejn il-partijiet setgħet tkun suċċess. Ittieħdet ukoll inizjattiva biex dawn is-sessjonijiet kienu rrekordjati.

Dan sar bil-ħsieb li min ma setax isegwi s-sessjonijiet ta' taħriġ jew tilef xi wħud minnhom, hekk se jkun jista' jsegwi dawn drabi oħra għall-konvenjenza tiegħu jew tagħha. Il-proġett kien suċċess, grazzi għal kollaborazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet kollha konċernati.

Fost dawn; il-MITA, l-IMU, l-MFCS, il-PPCD u Microsoft rispettivament. Ħajr speċjali jmur għas-sinjuri Tina Damaskou, *Microsoft Digital Advisor* u Mariano Debono, *Project Leader* tal-*Malta Information Technology Agency*.

Grazzi wkoll lis-sinjuri Clifford Schembri, *Chief Information Officer,* Jean Paul St John, Sandra Hili , Stephen Caruana u Philip Cachia mill-Uffiċċju

**Carl Grech**
*Executive Officer*
*Appoġġ*

# Fil-Milied kull ħolma possibbli

## Proġett ta' Ferħ għat-Tfal Maltin

children's dreams




**I**nizjattiva soċjali u nobbli għal żmien il-Milied hija dik *taċ-Children's Dreams*. L-għan ta' dan il-proġett, huwa li jaqta' ix-xewqat tat-tfal li jgħixu f'ambjent ta' familji li jkunu għaddejjin minn bosta problemi soċjali. Dan il-proġett ikun varat kull sena għal żmien il-Milied. Tkellimna dwar dan ma' Carl Grech, Uffiċjal

Permezz ta' din l-inizjattiva, tfal li jiġu megħjuna huma tfal vulnerabli li jkunu qed jgħixu f'sitwazzjonijet diffiċli u jistgħu jkunu jgħixu mal-familji tagħhom jew inkella fi djar residenzjali.

Il-proċess jaħdem billi l-ewwel nett il-professjonisti li jaħdmu viċin mat-tfal fi ħdan l-Aġenzija Appoġġ u li jkunu ilhom isegwu lit-tfal u/jew lil familji għal minn ta l-inqas tlett xhur, jaraw x'inhi x-xewqa li jirċievu t-tfal għal żmien il-Milied.

Wara li x-xewqat tat-tfal jaslu għand it-tim responsabbli *miċ-Children's Dreams*, dawn jitgħellu fil-website uffiċjali www.childrendreams.org u b'hekk il-pubbliku inġenerali ikun jista' jwettaq ix-xewqa tat-tifel/tifla partikolari.

Kif il-ħolm ikun varat, il-pubbliku ikun jista' jippleġja għal dik il-ħolma partikolari permezz ta' proċess *online*. Dan il-proċess jiġi segwit u megħjun permezz ta' *e-mail* li jintbagħat lil *sponsor*.

B'hekk issir kuntatt bejn il-professjonist li ikun qed isewgi lit-tifel jew tifla u l-i*sponsor*. Jinxtara r-rigal mill-i*sponsor* u r-rigal jitwassal għand il-ħaddiema nkarigati mill-Appoġġ. Dawn imbaghad ikunu jistgħu jagħtu r-rigal direttament lit-tfal.

Il-ħolm li jkunu jixtiequ t-tfal ivarja minn bosta affarijiet sempliċi u bażiċi bħal ikla jew anke biex jaraw il-film favorit tagħhom fiċ-ċinema jew anke ħolm ieħor bħal xi kors f'xi dixxiplina sportiva u/jew fi snajja partikolari.

Wieħed irrid japprezza li dan il-proġett jgħin u jassisti mijiet ta' tfal li jiffaċċjaw problemi soċjali f'ħajjithom, biex dawn jirċievu r-rigal tal-ħolm tagħhom għal żmien il-Milied.

Permezz ta' din l-inizjattiva inkunu qed intejbu l-ħajja ta' mijiet ta' tfal u nkunu qed inferħuhom

# Il-Programm ta' Attivitajiet f'SVP

## Diċembru : Jannar : Frar : Marzu



**Ronald Zaffarese**

*Koordinatur AAU*

Merħba. Minn din il-paġna bħas-soltu qed inwasslu l-programm ta' attivitajiet għall-anzjani tar-Residenza San Vinċenz De Paule ibbażata fuq l-erbà xhur li jkunu ġejjin.

Peress li dan hu programm fit-tul, jista' jkun li xi attivitajiet ma jkunux għadhom ġew skedati u allura ma jkunux qed jidhru hawn.

Minkejja dan qed nagħmlu minn kollox biex sal-aħħar data qabel din ir-rivista' tasal għandkom, inkunu kemm jista' jkun preċiżi dwar avvenimenti fuq ġewwa kif ukoll fuq barra li jkunu se jsiru għalikom l-anzjani, partikularment minn din ir-residenza.

Nixtiequ ninfurmaw li, apparti l-attivitajiet kif jidhru hawn, ta' kuljum fl-10.15 ta' filgħodu l -anzjani residenti jittieħdu l-knisja ta' SVP għall-Quddiesa.

Kuljum ukoll wara nofsinhar, bi skeda jkunu offruti servizzi u attivitajiet diversi.

Fost dawn, logħob tat-tombla, *board games, reminiscence,* qari, tpinġija, komunikazzjoni, sport, mużika, ċinema, *crafts, crosswords,* u issa wkoll, *chair exercise.*

Għas-sena d-dieħla hu maħsub li se tkun introdotta *Mobile*

### > Diċembru 2018

01/12/2018 : 10.00am : Ċinema (Home Alone 4)
15/12/2018 : 10.00am : Kunċert tal-Milied mit-Tfal : Teatru SVP
18/12/2018 : 10.00am : Residents Christmas Party no.1

### > Jannar 2019

14/01/2019 : 08.30am : Mawra Palazz San Anton
19/01/2019 : 10.00am : Ċinema (Viva Las Vegas)
21/01/2019 : 08.30am : Mawra Palazz San Anton
23/01/2019 : 08.30am : Mawra Palazz San Anton
26/01/2019 : 10.00am : Ċinema (The Cobbler)
28/01/2019 : 08.30am : Mawra Palazz San Anton

### > Frar 2019

02/02/2019 : 10.00am : Ċinema (Journey 1)
06/02/2019 : 08.30am : Mawra Palazz San Anton
11/02/2019 : 08.30am : Mawra Palazz San Anton
14/02/2019 : 10.00am : Quddiesa/Party ta' San Valentinu
18/02/2019 : 08.30am : Mawra Palazz San Anton
23/02/2019 : 10.00am : Ċinema (GI Blues)
27/02/2019 : 08.30am : Mawra Palazz San Anton

### > Marzu 2019

02/03/2019 : 10.00am : Party tal-Karnival fit-Teatru
09/03/2019 : 10.00am : Ċinema (The BFG)
23/03/2019 : 10.00am : Ċinema (Last Holiday)

*"Let us never know what old age is. Let us know the happiness time brings, not count the years."* **Ausonius**



V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018



## L-Ewwel Reazzjonijiet

# Il-Miżuri tal-Baġit 2019

## L-Onorevoli Ministru Michael Falzon

**N**har it-Tnejn 22 ta' Ottubru 2018 kien ippreżentat il-baġit għal 2019 mill-Onorevoli Edward Scicluna, Ministru għal Finanzi.

F'dan il-baġit komplew jitħabbru aktar benefiċċji, kif ukoll inizjattivi bil-għan li persuni u/jew familji fl-iżgħar skali tas-soċjetà jkomplu jkunu sostnuti biex jitilgħu aktar 'il fuq.

Dwar dan, "Familja" ħadet l-ewwel reazzjonijiet tal-Onorevoli Michael Falzon, il-Ministru responsabbli mill-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali.

"Kemm inħossni sodisfatt meta nara l-familji jimxu 'l quddiem, igawdu ħin flimkien u jgħixu f'ambjent seren.

Kif tista' ma tħossokx ottimist u pożittiv meta tgħix dan iż-żmien f'Malta, żmien li żgur se jibqa mnaqqax fl-istorja.

Rajna t-tħabbir ta' budget fejn fih spikkat ir-ruħ soċjali, li verament tgħin lil dawk l-aktar fil-bżonn. Faxex ta' persuni, Maltin u Għawdxin, li għal snin sħaħ intesew.

Ewlenija fosthom l-anzjani u anke dawk il-familji li l-ħin kollu jiffaċjaw sfidi finanzjarji. Dawn qed jingħataw l-attenzjoni li tixirqilhom.

Assistejna għal budget, b'firxa t'inċentivi, filwaqt li ma ddaħħal l-ebda piż addizzjonali, l-ebda taxxa diretta jew indiretta.

It-tielet budget b'surplus, ir-raba' budget b'żieda għall-pensjonanti tagħna, u s-sitt baġit li se jkompli joffri childcare b'xejn.

Dan il-Ministeru, kien inkluż f'parti kbira minn dan il-budget, b'allokazjoni ta' kważi terz tan-nefqa kollha tal-pajjiż.

Kuntent li nagħmel parti minn Gvern favur it-tkabbir ekonomiku u t-tqassim tal-ġid, b'kuntrast għal miżuri t'awsterita' li pajjiżi ġirien tagħna qed jaddottaw.

Ejja nkomplu nuru li Malta hija mudell għal pajjiżi oħra. Ejja nkomplu nibnu reputazzjoni b'saħħita biex nattiraw aktar investiment barrani u noħolqu aktar xogħol ta' kwalita' għolja.

Dan il-Gvern se jkompli jassigura l-istabbilita' ekonomika filwaqt li jkompli jifrex il-ġid biex il-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni jsibu bażi b'saħħitha.

Hu għalhekk li nistgħu ngħidu li Malta - Ngħixu s-Suċċess."




*it-3 budget b'surplus*

*ir-4 budget b'żjieda għall-pensjonanti*

*is-6 budget li qed joffri childcare b'xejn*

# Il-ħidma tal-Ministeru

## Żmien ta' riflessjoni



**Mark Musú**
*Segretarju Permanenti*
*Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali*

**S**ena oħra qed toqrob lejn tmiemha. Ma jonqosx għalhekk li bosta qed jaħsbu u jfittxu x'riġali ser jixtru lill-għeżież u l-ħbieb tagħhom u kif ser iqattgħu u jiċċelebraw il-festi tal-Milied u tmiem is-sena.

Tmiem is-sena ġġib magħha wkoll żmien ta' riflessjoni fejn persuna issib il-ħin biex fil-kwiet tħares lura lejn dak li għaddiet minnu matul is-sena u teżamina jekk marritx 'il quddiem jew lura fil-ħajja, fuq il-post tax-xogħol u fil-familja.

Jekk marret tajjeb taħseb kif fis-sena l-ġdida mhux biss iżżomm dak li akkwistat iżda wkoll kif tista tkompli ttejjeb il-pożizzjoni tagħha.




Jekk minn naħa l-oħra, persuna nqatgħet lura ser tixtarr x'wassal għal dan, u tberren kif fis-sena l-ġdida toħroġ minn din is-sitwazzjoni, tirkupra dak li tilfet u, hekk jista' jkun, tagħmel avvanz.

L-istess jagħmlu ażjendi u istituzzjonijiet f'diversi oqsma, minn dawk industrijali u kummerċjali għal dawk filantropiċi u sportivi.

Min imexxi jiżen kif il-kumpanija, organiżżazzjoni jew l-għaqda marret finanżjarjament u jara jekk il-pjanijiet u l-objettivi mfassla għas-sena seħħewx jew le u x'seta' sar aħjar biex jintlaħqu l-aspirazzjonijiet u l-aspettattivi tal-azzjonisti jew tal-membri tagħhom.

Jaraw ukoll jekk kienx hemm lok għal żieda fl-effiċjenza biex ikunu aktar effettivi u kompettitivi fil-ħidmiet tagħhom. Abbażi tal-analiżi u tar-riżultati miksuba jsawwru l-baġit u l-programm għas-sena ta' wara.

Eżami ta' dan ix-xorta nagħmluh aħna wkoll. Bid-differenza li fil-każ tagħna l-kejl tas-suċċess jew le ma jkunx dak finanżjarju, iżda dak umanitarju u soċjali: kemm għinnha persuni u familji fil-bżonn jew bi dħul baxx biex ngħollu l-kwalita' tal-ħajja tagħhom.

Għalhekk meta nqisu kif morna naraw jekk ksibniex dak li konna ppjanajna fil-bidu tas-sena jew li kien fdat lilna li nwettqu fil-qafas tal-baġit u fil-programm ta' wegħdi li dwaru gvern ikun kiseb il-fiduċja tal-poplu f'elezzjoni.

V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018


Ikompli >

# 86% tal-programm ta' Simplifikazzjoni

## Twettqu 92% tal-miżuri maħsuba għal din is-sena

**Mark Musú**
*Segretarju Permanenti*
*Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali*




**B**is-saħħa tal-koperazzjoni u l-ħidma tad-diversi dipartimenti fi ħdan il-ministeru wettaqna 92% tal-miżuri tal-baġit maħsuba għal din is-sena, jew 24 minn 26 miżura.

Sal-mument li qed nikteb dan il-messaġġ kien għad fadal żewġ miżuri oħra x'nimplimentaw li jinsabu fi stadju avvanzat ħafna li jkunu implimentati ukoll biex b'hekk inkunu implimentajna dak kollu li ppjanajna għal dis-sena.

Naturalment jibqa għaddej il-proċess ta' implimentazzjoni tas-sitt miżuri jew proġetti l-oħra imħabbra fil-Baġit 2018 li minħabba li jinvolvu ammont konsiderevoli ta' xogħol iridu ikunu implimentati fuq perjodu twil ta' żmien.

Anke fejn jidħol il-programm ta' simplifikazzjoni inkluż il-KPIs (Key Performance Indicators) sa' tmiem is-sena se nkunu wettaqna 86% tal-inizjattivi waqt li sa Jannar se nkunu implimentajna kollox, liema dewmien żgħir ikun ikkawżat minn ċirkostanżi li ma kellniex kontroll fuqhom.

Riżultat verament sabiħ. Pero s-sodisfazzjon tagħna jmur lil hinn minn dawn il-perċentwali għaliex b'risq inizjattivi li ntroduċejna din is-sena, flimkien ma' oħrajn li ssoktaw mis-snin ta' qabel, fi sfond ta' avvanz ekonomiku qawwi u stabbli rnexxielna nniżżlu l-għadd ta' benefiċjarji tal-għajnuna għal diżimpjieg għall-aktar livell baxx li qatt kellna.

L-istess ġara fl-għadd ta' nies fuq l-għajnuna soċjali li waqgħu għal darb'oħra fl-lanqas livell li qatt kellna. L-iskemi li varajna biex inħajjru aktar persuni, l-aktar nisa, joħorġu jaħdmu – bħall-In-Work Benefit u t-Tapering – ħallew impatt qawwi.

Kulħadd jaf ukoll x'sar dwar benefiċċji oħra għall-anzjani, pensjonanti, persuni b'diżabilita' u familji bi dħul baxx.

Żgur li jafu l-ħafna ħaddiema tagħna li ta' kuljum jagħtu s-servizz tagħhom direttament lin-nies minn diversi uffiċini distrettwali u dipartimenti oħra li jew ħadmu fuq dawn il-miżuri inkella spjegawhom lill-pubbliku u għinu lil dawk eliġibbli biex japplikaw u jibbenefikaw minnhom.

Kollox allura wassal, u dan huwa verament il-kejl li jagħtina l-aktar sodisfazzjon u inkorragiment, biex għal darb'oħra jonqos il-faqar fostna għall-anqas

Ħadt gost nisma lil Ministru tagħna fid-diskors waqt id-dibattitu dwar il-baġit fil-Parlament, jirrikonoxxi l-ħidma ta' kull wieħed u waħda minna l-ħaddiema ta' dan il-Ministeru u li sejjaħ bħala rivoluzzjoni siekta dak li twettaq permezz tal-miżuri li niedejna fi żmien pjuttost qasir .

Diskors bħal dan jimlina b'aktar ħeġġa biex fis-sena d-dieħla mhux biss inkomplu nkunu ta' wens u ta' fejda għal firxa sħiħa tas-soċjeta' Maltija, iżda wkoll biex inħabirku biex nilqgħu għall-isfidi ġodda bħal dawk tal-kirjiet u tal-akkomodazzjoni soċjali.




Ikompli >


V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

# 25% miżura oħra għal Baġit 2019

## Aktar minn biljun ewro għat-titjib tal-benefiċċji

**Mark Musú**
*Segretarju Permanenti*
*Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali*




**G**ħal dan il-għan ġejna fdati nwettqu 25 miżura oħra tal-Baġit fl-2019. Għat-titjib tal-benefiċċji eżistenti u biex nattwaw dawk ġodda, ingħatajna aktar minn biljun ewro, li hija l-akbar nefqa li qatt saret fl-istorja soċjali tal-pajjiż.

L-akbar ammont ser jintefaq fuq il-pensjonijiet u fuq il-bonusijiet li jitħallsu magħhom. Parti mill-fondi allokati se jmorru ukoll f'għotjiet lill-anzjani ta' 'l fuq minn 75 sena, inkluż dawk ta' bejn 62 sena u 74 sena li m'għandhomx pensjoni għaliex ma kellhomx biżżejjed bolol meta rtiraw.

Dan minbarra aktar minn 700 miljun ewro oħra li se jmorru għal oqsma oħra bħal benefiċċji għall-familji u tfal, kura fit-tul għall-anzjani, servizzi għall-persuni b'diżabilita', servizzi ta' ħarsien soċjali għal persuni vulnerabbli jew li għandhom bżonn għajnuna psiko-soċjali, u benefiċċji servizzi ta' akkomadazzjoni soċjali jew affordabbli.

Dan jitfa piż akbar fuqna biex naraw li kull min hu ġenwinament fil-bżonn jieħu dak li ħaqqu, iżda li fl-istess waqt ma nħallux li jsiru abbużi.

Ix-xogħol biex il-miżuri jiġu fis-seħħ kemm jista jkun kmieni fis-sena diġa beda. Fil-fatt tnejn mill-miżuri, dik importanti taż-żieda fiċ-*Children's Allowance* u wkoll iż-żieda mogħtija fl-Allowance għal Tfal b'Diżabilita', diġa ġew implimentati u ż-żidiet qed jitħallsu matul dan ix-xahar.

Kruċjali f'din il-ħidma huwa l-impenn u s-sostenn tal-ħaddiema tal-MITA, l-aġenzija tal-istat għall-informazzjoni teknoloġika, li mingħajrhom ma nkunux nistgħu nimplimentaw il-miżuri li jitħabbru – minn qalbi nirringrazzjahom.

Naf ċert li l-appoġġ u l-impenn ta' kull impjegat u impjegata tagħna mhux ser jonqos għaliex ilkoll




flimkien nagħrfu w inħossu li x-xogħol tagħna jġorr miegħu responsabilitajiet soċjali kbar.

Għalhekk filwaqt li minn qalbi niżżiħajr lill-ħaddiema kollha tagħna għall-ħidma u d-dedikazzjoni tagħhom matul is-sena, nixtieq nawgura lilhom u l-familji u l-għeżież tagħhom, lill-




"I will honour Christmas in my heart, and try to keep it all the year."
**Charles Dickens**

VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018



# Valletta 2018

## Il-Bidu u t-Tmiem

**L**-istennija ta' snin twal u l-preparazzjoni sħiħa biex il-kapitali Maltija fl-2018 kienet il-Kapitali Ewropeja tal-Kultura ġiet, għexniha flimkien u issa riesqa lejn it-tmiem.

L-aspettazzjonijiet tal-pubbliku Malti u Għawdxi għal dan l-avveniment uniku, jista' jingħad li ntlaħħqu.

Għal tnax-il xahar sħaħ, Valletta '18 kienet fuq fomm kulħadd. Mhux biss il-poplu tagħna, iżda wkoll dawk li kellhom ix-xorti kienu qed iżuru dawn il-gżejjer matul l-istess żmien. L-ispettaklu tal-bidu ippreżenta vetrina ta' dak li kien imħejji għal kumplament tas-sena.

Numru bla qies ta' talent tal-ogħla livell, grazzi għal parteċipanti kollha li ħadu sehem; artisti, żeffiena, kantanti, atturi, gruppi mużikali u ma naqsux, tant persuni li volontarjament taw il-kontribut siewi tagħhom, ilkoll flimkien waslu sena sħiħa ta' storja, arti u kultura ċelebrata bl-aktar mod spettakolari.

Jalla l-ħidma li saret biex kien possibbli daqstant spettaklu, iżda daqstant ieħor reklam mill-isbaħ għal Malta madwar id-dinja jkompli jissarraf




f'aktar turiżmu lejn artna, aktar investiment ta' livell internazzjonali u fuq kollox, aktar għarfien dwar dak kollu li hu Malti u Għawdxi.

Braille
January
4

"Christmas is joy, religious joy, an inner joy of light and peace."

Pope Francis

V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

# Il-Personalitá ta' Family Magazine



# Josephine Vella

Il-personalità tal-magazine 'Familja' għal din il-ħarġa tax-Xitwa, ħadd ħlief is-sinjorina **Josephine Vella.** Vella għandha 61 sena, xebba u toqgħod San Ġiljan. Irċeviet l-ewwel edukazzjoni fir-*Rosary School* (kienet skola tal-Gvern) ġewwa San Giljan. Din kienet tagħmel parti wkoll mis-*Sacred Heart* immexxija mis-Sorijiet. Wara kompliet bl-istudji tagħha fl-iskola St.Helen Technical School, Birkirkara. Josephine irtirat bl-eta pensjonabbli ftit tax-xhur ilu wara 42 ta' servizz eċċellenti u mill-aktar

### Il-Karattru tiegħek?

Pjuttost kwieta, mhux *bubbly* ħafna. Bniedma naħdem daqsxejn fid-dettal, tip ta' perfezzjonista. Fi ftit kliem inħobb li x-xogħol isir sew. Inħoss ukoll li għandi ħafna empatija għan-nies ta' madwari. Altruista u reliġjuża. Maż-żmien irrid nistqarr, il-paċenzja bdiet tonqos xi ftit ukoll. It-12-il sena li għamilt nieħu ħsieb lil ommi affetwawni ħafna għax kellha d

Għalkemm karattru pjuttost kwiet però nħobb inkun f'kumpanija ta'nies ferrieħa. Inħobb anke ngħin dwar problemi li dak li jkun jista' jiltaqa' magħhom fuq il-post tax-xogħol.

Meta kont naħdem fid-distretti fil-fatt kont inservi ħafna bħala punt ta' referenza għal diversi kollegi. Nemmen li hu importanti ħafna li tipprova tagħmel il-ħajja aktar faċli, speċjalment lil min ikun għaddej minn xi kriżi jew problema.

### Karatteristiċi li jiddefinuk?

Jien ta' karattru konservattiv u nħobb ukoll ambjent nadif.

### L-impenji tiegħek fuq ix-xogħol?

Ta' 16-il sena kont dħalt naħdem mal-privat bħala segretarja. Dak iż-żmien konna nagħmlu l-pagi u tista' tgħid, kwalunkwe xogħol ieħor kollox manwali. Ta' 18-il sena dħalt naħdem mal-Gvern, u bqajt dejjem f'dan id-dipartiment.

Kont f'diversi sezzjonijiet. 24 sena minnhom għamilthom fl-Staggers u Claims Section; jiġifieri dwar mard, nuqqas ta' xogħol u marriage grants. Dan apparti xogħol ta' staggering tal-popolazzjoni. Wara għamilt sentejn naħdem fit-taqsima tal-pensjonijiet.

10 snin u nofs oħra kont għamilthom fl-uffiċini distrettwali tal-Msida u tas-Sliema. F'Ottubru 2012, minħabba f'ċirkostanzi familjari kelli nirritorna lura back-office fis-sezzjoni mhux kontributorja. Għamilt diversi xogħolijiet hemm.

Kont nieħu ħsieb is-sistema tal-Community Work Scheme, l-EU Nationals (Claims), claims dwar subsidiary protection u dwar EU status tar-refugjati.

Mit-2014 l'hawn għamilt testing u monitoring kwazi waħdi fuq sistema ġdida dwar tampering of benefits. Kont ukoll back-office support għad-distretti. B'kollox, karriera ta' 42 sena.

Jien nemmen li t-taħriġ lill-impjegati huwa importanti ħafna sabiex ix-xogħol joħroġ aktar effiċjenti u l-impjegat iħossu aktar effettiv fl-ambjent li fih qed jaħdem.

### Isem il-ġenituri tiegħek u l-aħwa?

Missieri, Francis Xavier Vella minn tas-Sliema u ommi, Maria nee' Formosa minn tas-Sliema wkoll. Il-papa kien fis-servizz ċivili wkoll u miet f'Marzu 2003 ta' 78 sena.

L-aħħar xogħol tiegħu kien fil-Bibljoteka. Il-mama mietet f'Jannar 2018 ta' 89 sena. Kienet mara tad-dar però kienet ħajjata tajba wkoll.

Aħwa aħna konna sitta. Ħames bniet u tifel wieħed. It-tieni waħda, Veronica mietet fi Frar 2008 meta kien għad kellha 58 sena waqt li oħti l-kbira, Mary Rose kienet emigrat lejn l-Italja, viċin Ruma f'Diċembru tal-1972, jiġifieri 46 sena ilu.

**Ikompli >**


V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

# Ħsieb li nibqa' niftakar għal ħajti...

***"Living for others is not living half a life but living two lives"*** **Madre Tereża**



## Passatempi?

Inħobb naqra tip ta' xi newsweek jew gazzetti. Nippreferi però magazines. Inħobb ħafna ż-żfin, l-allegrija, brisk walking u l-għawm. Meta kont iżgħar kont immur xi hikes. Għamilt ħames snin nittrenja l-judo. Jogħġbuni mmensament ukoll id-dokumentarji televiżivi.

Għandi għal qalbi ħafna wkoll il-missjonijiet. Parti min ħajti, sa minn meta kelli 20 sena kont immur it-Third World Group li dawn kienu jmorru f'dar tat-tfal, Dar San Ġużepp fil-Ħamrun u hemm rajt kemm kien hemm bżonn. Dak iż-żmien kien hemm madwar 45 tifel (1982) u konna ngħinuhom fil-homeworks. Ħafna minnhom kienu jattendu t-trade school.

Konna ntuhom għajnuna wkoll fil-Malti, fl-Ingliż u fil-Matematika. Konna norganizzawlhom il-festini tal-Milied u l-karnival, u ma jonqosx dak il-kejk ta' għeluq snin kull tifel u tifla li magħhom konna naraw li jkollhom persuna minn tagħna bħala gwida f'ħajjithom. Dan hu aspett importanti ħafna għax dawn ikunu

Ħaġa oħra li konna nagħmlulhom kienu talks b'kelliema esperti, ħruġ bħal hikes, u rigal ta' bżonn fil-Milied. Sirna parti mill-familja tagħhom.

Esperjenza oħra kienet dik mat-Third World Group fejn konna mmorru nagħmlu xahar mas-Sorijiet ta' Madre Tereza f'Reggio Calabria fin-naħa t'isfel tal-Italja fejn konna nagħmlu xogħol manwali u skola tas-sajf għat-tfal tal-Gypsis.

Konna ngħallmuhom basic life skills, rispett lejn ħaddieħor, sturmenti mużikali, neħduhom il-baħar, għallimnihom jgħumu, xogħol ta' crafts u aktar. Qatt ma ninsa d-daħka fuq fomm it-tfal u l-ferħ li kien ikollhom x'ħin kienu jerġgħu jarawna sena wara!

## Ħsieb li tibqa' tiftakar għal ħajtek?

Fil-fatt se ngħidlek tnejn li kienet qalithom Madre Tereza. "Love until it hurts" u l-ieħor; "Living for others is not living half a life but living two lives". Dawn jien nibqa' niftakarhom għal dejjem.

## Talent partikolari?

Inħobb ħafna l-fotografija speċjalment waqt is-safar. Pero' nħobb nieħu ritratti anke ta' familjari, neputijiet u oħrajn. Kif jgħidu, 'dak li jibqa''.

## Kif tgħaddi tmiem il-ġimgħa?

Inħobb immur ħafna baħar, speċjalment ma' ħuti. Nipprova wkoll inżomm il-mixja ta'kuljum filgħaxija.

## Kieku kellek tirbaħ Miljun Ewro?

Parti mis-somma żgur li ntiha l-karità, speċjalment lill-missjunarji. Jien nemmen ħafna fil-missjunarji. Dwar dan fil-fatt ta' sikwit naħseb li, li kieku ħadna ħsieb il-missjunarji, ma naħsibx li kieku llum għandna problema daqstant kbira ta' immigranti rregolari jippruvaw jidħlu f'kull pajjiż li jsibu.

Il-missjunarji huma nies hands-on li jafu l-kultura tagħhom, il-lingwa tagħhom u aktar. Nemmen li, li kieku l-missjunarji tingħatalhom aktar għajnuna, kieku dawn jistgħu jagħmlu ħafna aktar!

## Pajjiżi li żort?

Fl-Ewropa mort f'ħafna pajjiżi. L-ewwel pajjiż li qatt żort kien il-Bavarja fil-

**Ikompli >**



# L-isbaħ pajjiż li qatt żort

# BALI (viċin l-Awstralja)

## Il-Personalità ta' Family magazine

## Josephine Vella

**L-ikla favorita tiegħek?** Ir-Ross bil-curry u r-Ravjul.

### L-isbaħ pajjiż li qatt żort kien?

Bali, viċin l-Awstralja. Dan għaliex meta kont mort jien fl-1990 kien għadu fi stat primittiv u fl-istess ħin, verġni ħafna. Fil-fatt Bali u t-Tajlandja naħseb huma dawk l-aktar żewġ pajjiżi li ħallew impressjoni fuq matul iż-żmien.

Ix-xenarju tagħhom hu differenti minn dak li naraw fil-pajjiżi Ewropej. Dawk is-swieq ibiegħu il-prodotti tagħhom fuq il-baħar. Dawk l-uċuħ dejjem bi tbissima, anke jekk fi stat ta' faqar immens. Kompletament differenti minn kif ngħixu aħna.

### Il-vjaġġ tal-ħolm tiegħek hu?

X'imkien il-barra mill-Ewropa. Meta kont ferm iżgħar, aħna konna nsiefru barra mill-Ewropa u konna ndumu mhux ftit. Ħafna minn dawn il-vjaġġi aktar kienu jkunu camping holidays u ta' madwar għoxrin ġurnata jew aktar!

### L-isbaħ jum f'ħajtek kien?

Meta konna niltaqgħu l-aħwa kollha bin-neputijiet. Kienet issajjar ommi.

### Esperjenza pożittiva?

Darba, tifel li kien residenti l-iStitut ta' San Ġużepp kien rikonoxxut bi premju għal proġett li kien għamel fil-ħames klassi tas-Sekondarja fejn kien ġie l-ewwel. Jien kont servejt bħala punt ta' referenza fl-istudji tiegħu. Eventwalment dan it-tifel alla jbierek, baqa' dejjem sejjer 'il quddiem sakemm illum Alla jbierek għandu xogħol fl-IT u vera rnexxa. Dan għalija hu ta' sodisfazzjon kbir.

### Personalita' Maltija li tammira?

Jien bniedma li nħobb is-sempliċita'. Inħobb nisma r-radju u fuq l-istazzjon Radju Malta, ta' kull filgħodu jagħmel ħsieb ċkejken Patri Dijonisju Mintoff tal-Laboratorju tal-Paċi.

Dan jitkellem f'rubrika qasira imma tant jitkellem dwar affarijiet li jtik x'taħseb dwarhom li jħallik impressjonat. Ma jitkellimx biss minn dimensjoni reliġjuża iżda kultant jaqra xi silta, drabi oħra dwar il-ħajja ta' kuljum, reliġjonijiet u kulturi u temi oħra diversi. Tassew nammirah.

### Personalita' barranija li tammira?

Mhux wieħed jew waħda, iżda tlieta. Madre Tereża, Nelson Mandea u Papa Franġisku.

### Il-ħolma ta' ħajtek?

L-aħħar żmien li fadalli, nixtieq li kieku nkun nista' nibqa' nsiefer u nkompli nara d-dinja. Però nixtieq ukoll li nerġa' nidħol fid-dinja tal-volontarjat. Jien m'inhiex xi reliġjuża pero' rrid ngħid li jien lil Alla dejjem żammejtu f'ħajti u dejjem sibtu meta għaddejt minn xi perjodu ta' kriżi jew diffiċli.

Qed ngħid dan għax illum inħossni bħal qisni n-Nanna tad-Dipartiment u allura nixtieq nieħu din l -opportunità biex ngħid dan li ġej. Lill Alla m'għadniex neħduh bħala xi fairy tale jew xi ċajta. Jien sibtu bħala punt ta' referenza f'diversi perjodi diffiċli f'ħajti.

Hu lest jismagħna dejjem u mhux xi ħaġa ta' bil-forsi bħal kif kienu jgħallmuna meta konna żgħar. Hu missier li jisma lil bniedem, bħal xi ħadd ħabib




li qed itik daqqa t'id. Irridu iżda nidraw nagħmlu ftit ħin ta' talb u riflessjoni, anke jekk għal ftit minuti d -dar.

# Kompetizzjoni bi Premju

## GĦAT-TFAL

*Kif intkom tfal?... Iż-żmien igerbeb. Erġajna bdejna l-iskola, għaddew ukoll il-mid-term holidays u resqin lejn il-festi sbieħ tal-Milied u tmiem is-sena. Min jaf kemm qed tippreparaw għal dan iż-żmien tant għażiż tas-sena, kemm l-iskola, kif ukoll fid-dar.*

*Tajjeb nagħmlu dan, però dejjem ftakru tfal li l-Milied ma jiġix biss għar-rigali li nkunu nixtiequ naqgilgħu. Lanqas għall-ikliet u l-festini tal-familja u bejn il-ħbieb. L-aktar ħaġa importanti, din il-festa tfakkarna fit-twelid ta' Ġesù Bambin li waqt li hu Alla, iżda fis-sura ta' bniedem twieled u ġie fid-dinja f'maxtura fqira ġewwa għar f'Betlehem.*

*Il-kompetizzjoni tal-lum hi proprju dwar dan. Iktbulna dwar ġest sabiħ, xi ħaġa posittiva li intkom tagħmlu s-soltu, jew beħsiebkom tagħmlu f'dan il-Milied biex, per eżempju tgħinu lil xi ħadd, jew biex tferrħu tfal oħra li forsi huma anqas ixxurtjati minnkom. Għamlu dan f'madwar żewġ paragrafi. Tistgħu tinkludu xi tpinġija wkoll jekk tridu.*

*Ibagħtu r-risposti tagħkom permezz ta' e-mail; **familja.media@gov.mt** jew fl-indirizz; Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali : Tonio Bonello : Corporate-Wide Media & Communications Office : 4th Floor : Palazzo Ferreria : 38, Triq l-Ordinanza : Valletta sa mhux aktar tard minn is-**Sibt 29 ta' Diċembru 2018.***

*L-ewwel risposta tajba tirbaħ żewġt kotba għalikom tfal ġentilment offruti lilna mill-ħwienet Agenda. Tistgħu ukoll tibagħtulna xi kummenti, suġġerimenti, idejat oħra li tixtiequ li aħna nibdew ninkludu f'dan il-magazin tal-Familja. Sakemm nerġgħu niltaqgħu nixtieq lilkom il-Milied u s-Sena t-Tajba. Ħudu gost tfal...*

## GĦALL- KBAR

# Kompetizzjoni bi Premju

*Kif intkom ħbieb?... Permezz tal-magazine, **'Familja'** qed inkomplu l-kampanja tagħna, **'Aqra Ktieb'**.*



*kampanja*
**Aqra Ktieb**

*Dan bil-għan li aħna l-ġenituri nibdew aħna stess u nħajru lill-uliedna li tal-anqas darba kull ħmistax inkunu qrajna ktieb. Hekk nerġgħu nibdew kultura ta' qari li hu l-mezz kif il-bniedem itejjeb l-għarfien tiegħu u jissaħħaħ f'aspetti ta' ħsieb u kreattività.Il-kompetizzjoni tal-lum hi din. Iż-żmien sabiħ u għażiż tal-Milied riesaq ġmielu. Iktbulna ftit suġġertimenti (mhux anqas minn tlieta) dwar dan is-suġġett...*

*Kif taħsbu li l-Milied jista' jerġa jsir il-festa tal-familja u jkun ċelebrat b'mod sabiħ bejn ġenituri u tfal. L-aħjar suġġerimenti jidhru f'din il-paġna u l-persuna rebbieħa se tingħata żewġt kotba ġentilment offruti lilna mill-ħwienet Agenda. Għamlu dan f'mhux anqas minn żewġ paragrafi.*

*Ibagħtu r-risposti tagħkom permezz ta' e-mail; **familja.media@gov.mt** jew fl-indirizz; Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali : Tonio Bonello : Corporate-Wide Media & Communications : 4th Floor : Numru 38, Palazzo Ferreria : Triq l-Ordinanza : Valletta sa mhux aktar tard minn nhar is-**Sibt 29 ta' Diċembru 2018.***

*Nixtieq nieħu din l-opportunità biex f'isem l-amministrazzjoni u l-impjegati kollha li jaħdmu f'dan il-Ministeru, nixtieq lilkom ilkoll u lil familji tagħkom, Milied ħieni, ħafna saħħa, paċi u ġid. Inwassal dawn it-tislijiet ukoll lill-istess impjegati tagħna u l-għeżież familji tagħhom. Il-Milied u s-Sena t-Tajba lil kulħadd.*

**"Reading is to the mind what exercise is to the body."** Joseph Addison



# *kampanja* Aqra Ktieb

**I**r-rebbieħa tal-kompetizzjoni ta' 'Familja' għal din il-ħarġa hi Stephanie Azzopardi minn Ħaż-Żebbuġ, Malta. Stephanie għandha 22 sena u fost il-passatempi tagħha tħobb ħafna

Id-domanda li konna staqsejna fil-ħarġa li għaddiet kienet din; "Iż-żmien sabiħ u għażiż tal-Milied riesaq ġmielu. Iktbulna ftit suġġertimenti dwar kif taħsbu li l-Milied jista' jerġa jsir il-festa tal-familja u jkun ċelebrat b'mod sabiħ bejn il-ġenituri u t-tfal."

Ir-risposta ta' Stephanie Azzopardi kienet din; Għalija x-xahar tal-Milied jagħmel differenza kbira mill-kumplament tas-sena. Għandu sinifikat qawwi għax hu festa differenti mill-oħrajn. Il-Milied hija l-festa tal-familja.

Sfortunatament, illum bit-teknoloġija u ħafna mezzi ta' divertiment oħra, hawn ħafna xi jtellef dik ir-rabta tant sabiħa li darba kellha l-familja Maltija. Li xtaqt nissuġġerixxi huma dawn;

***1)*** *Tkun ħaġa sabiħa li l-membri kollha ta' kull familja, jerġgħu jibdew, flimkien, imorru għaċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl fejn jitfakkar il-ħin li fih twieled Ġesù Bambin. F'din il-Quddiesa ssir il-famuża Priedka tal-Milied fejn tifel jew tifla ta' eta żgħira jaqraw messaġġ twil però sabiħ dwar it-twelid fosta ta' Ġesù Bambin.*

***2)*** *Illum, jiddispjaċini ngħid li ħafna nies fid-djar tagħhom huma ffissati dwar kemm se jkollhom bozoz jixgħelu u jitfu, ta' min hi l-akbar siġra tal-milied, u min se jkollu l-isbaħ Christmas Father. Xieraq li nerġgħu nibdew inżejnu b'xi statwa ta' Ġesù Bambin jew xi presepju jirrappreżenta dan it-twelid f'maxtura sempliċi fl-għar ta' Betlehem.*

***3)*** *Użanza oħra li daħlet ħafna hi tal-ikliet u l-festini, li, xi drabi dawn ikunu bla rażan. Min jaf li kieku kull familja tibda tistieden tieħu magħha xi anzjan minn xi Dar tal-Anzjani, speċjalment minn dawk li m'għandhom lil ħadd jew ma jmur iżurhom ħadd!*

*Jew inkella, xi tifel jew tifla minn xi Dar tat-Tfal. Ejjew ma nħallux il-Milied ikompli jagħmilna aktar egoisti, aktar individwali. Ejjew tassew nibdew nerġgħu ngħixu l-ispirtu tal-Milied u naqsmu dak li Alla pprovdilna ma' ħaddieħor.*

Infakkru li dawk l-aħjar risposti li nirċievu jidhru f'din il-paġna waqt li r-rebbieħa jingħataw żewġt kotba ġentilment offruti lilna mill-ħwienet Agenda.

Dejjem ibagħtu r-risposti tagħkom permezz ta' e-mail; *familja.media@gov.mt* jew fl-indirizz; Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali : Tonio Bonello : *Corporate-Wide Media & Communications, 4th Floor,* Numru 38, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta.

Nixtieq proprju f'din l-edizzjoni speċjali tal-Milied u ta' tmiem is-sena, f'isem il-Ministeru nirringrazzja lid-diriġenti ta' *Miller Distributors* u l-ħwienet Agenda li f'kull ħarġa ta' 'Familja' ġentilment

## L-Isbaħ Awguri

# Ta' paċi, ferħ u ġid għal Milied f`pajjiżna



**George Zammit**

*Lajk u Missier ta' Familja*

Reġa` wasal Milied ieħor fejn wieħed ikun qiegħed jistenna żmien ta` ferħ, paċi u hena. Festa mistennija min kulħadd ħerqan li jgawdi dan iż-żmien ta` festi mill-aħjar li jista' skont l-esperjenzi personali tiegħu.

L-anzjani, iż-żgħażagħ u t-tfal ċkejknin jippreparaw minn żmien qabel ħalli jgawdu dan il-ferħ li jġib l-Iben t`Alla permezz tal-miġja tiegħu fostna.

Tarbija twieldet f`għar fqajjar u ċkejken biex iġġib il-ferħ, il-paċi u l-hena fostna bla ebda tmiem u li għandu jibqa` jsaltan għal dejjem. Mhux f`dan iż-żmien sabiħ tal-Milied biss.

Pero` din l-akbar ġrajja li kellha tbiddel ir-rotta tal-istorja tal-bniedem hija ffaċċjata bi sfidi kbar fid-dinja tal-lum: M`aħniex inħallu l-Milied jgħinna sabiex inħarsu lejn il-ħajja b`nuċċali differenti.

M`aħniex nixtiequ li t-tfajjel ta` Betlehem inissel fina fjamma li tibqa` taqbad, anke meta t-tarbija tikber! Qed nippreferu d-dlam tal-ħajja li jħalli l-impatt tiegħu fuq kollox u fuq kulħadd.

Ġesù tarbija jixtieq jitwieled fina mill-ġdid billi matul is-sena nħossu fina l-ferħ, il-ħelsien u s-sliem tiegħu. Biex il-Milied ikun jum ta` ferħ u mhux dlam tal-forza tal-ħażen, jeħtieġ noħorġu bil-kapaċita`, b`rispett u b`dinjità li jixraqlu Ġesu` tarbija f`kull qGħalhekk dan huwa xahar li jeħtieġ noqgħodu ftit fis-skiet fil-kamra ta` ġewwa, bogħod mill-ħsejjes esaġerati ta` barra. Nimmeditaw ħalli nagħmlu ftit il-kontijiet ta` kif morna matul din is-sena.



Ix-Xogħol, ġid, interessi bankarji, bini, negozji, politika, l-iżvilupp huma meħtieġa fiż-żminijiet ta` dan is-seklu. Pero` biex nifirħu l-veru ferħ irridu niskopru f`dan il-Milied l-evalwazzjoni fil-maturità tal-fidi tagħna.

Dan ifisser, inwarrbu b`sinċerità l-idolatrija l-ġdida tal-flus li qed jikkmandaw flok jaqdu. Ngħidu "Le" għan-nuqqas ta` ugwaljanza li ġġib il-vjolenza u s-soċjetà mekkanizzata li l-għan tagħha huwa produzzjoni ta` kwantità u konsum tal-massa.

Iż-żerriegħa tal-verità li ġġib il-ferħ, hena u paċi fil-Milied tistedinna niddrittaw it-toroq mgħawġin b`riżultat t`għemejjel ħżiena, bl-għazz egoistiku u l-gwerer ta` bejnietna.

Il-ħajja mgħaġġla u sfrenata fil-Milied biex nixtru r-rigali, it-tiżjin jew tlellix fil-ħwienet u fit-toroq tal-bliet sbieħ tagħna, flimkien mal-ikel u d-divertiment marbuta ma` dan iż-żmien iġibù, sa ċertu punt, ferħ fost il-familji, għaqdiet, każini, soċjetajiet u l-komunità f`Malta u Għawdex.

Però dawn ukoll jistgħu jġibu ċerti riskji fid-dinja tal-lum minħabba l-abbundanza esaġerata ta` nfiq u qarrieqa ta` konsum żejjed, flimkien ma' pjaċiri superfiċjali li jdaħħluna f`kuxjenza vojta u iżolata.

Għalkemm ħadd mhu eskluż mill-ferħ li jġib il-Mulej fil-Milied, l-għażla sħiħa

Ikompli >

Minn paġna 15

*Trid isseħħ f`xena siekta minn kull aspett. Ġrajja li tkellimna biex l-imħabba tagħna tiġġedded ħalli ngħadduha lill-oħrajn.*

*Din il-ġrajja tal-Milied ma tinbidilx. Tibqà dejjem l-istess, tgħallimna l-imħabba fraterna lejn xulxin, bħalma tifel iħobb l-oħtu li twieldet fil-familja.*

*Bħalma għarus iħobb l-għarusa ġdida tiegħu. Bħalma mara tħobb lill-żewġha. Bħalma Kristu jiftaħ idejh beraħ sabiex iħaddan miegħu lil kulħadd sa l-akbar midneb fuq din l-art.*

*Din hija stedina lil kull Nisrani biex jimxi lejn dawk it-toroq li jġeddu l-ħin kollu dik il-laqgħa*



Hi stedina biex nieħdu deċiżjoni li nħallu lilu jiltaqa`magħna ħalli nimxu lejn il-progressjoni u bidla ta` persuni mimlija rabja ġo fina għal bnedmin onesti mimlija ferħ b`xewqat sbieħ lejn il-futur.

Il-ferħ tal-Milied ma jħallikx tħares aktar lejn il-passat ikrah tiegħek, lejn il-konsum tal-massa, lejn dinja ta` poter qabel kull ħaġa oħra. Huwa vjaġġ tal-umanita` lejn sinjali ta` tama.

Għalhekk m`hemm ebda raġuni għaliex wieħed għandu jaħseb li din l-istedina għal ferħ ta` dan il-Milied mhix għalih. Min huwa lest li jirriskja, il-Mulej ma jiddiżappuntahx!

Mela flimkien, ejjew nagħmlu anke pass ċkejken lejn Ġesù tarbija f`dan il-Milied, ħalli niskopru dak il-veru ferħ, paċi u hena billi nilqgħu magħna lill-morda, l-imnikkta, l-imġarrba u lil bnedmin kollha aħwa ta` Ġesù tarbija.

Nawgura li kull wieħed minna jipprofitta kemm jistà minn din l-istedina li terġa tlibbisna b`dak il-ferħ f`Milied nisrani u mhux artifiċjali ta` kif se niddevertu, kif se nidhru sbieħ mal-oħrajn.

Il-veru ferħ tal-Milied iġib festa ta' mħabba lejn martek, żewġek, uliedek, membri tal-familja, sħabek

***Awguri ta`paċi u ġid għal Milied Nisrani mimli mħabba lejn pajjiżna u lejn xulxin...***




PHOTO : DOI - Kevin Abela

# Ftehim bejn il-Gvern u l-Knisja

## Servizz ta' *counselling* mill-Moviment ta' Kana

*Fit-tieni nofs tas-sena l-Gvern u l-Knisja laħqu ftehim ta' kollaborazzjoni bil-għan li persuni u/jew familji li jinħtieġu servizzi ta' counselling, issa se jkunu jistgħu jitolbu dan is-servizz mill-*

**P**ermezz ta' dan il-ftehim, il-Gvern, bis-sehem tal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali se jkun qed jiffinanzja dan is-servizz bi ħlas ta' €30,000 kull sena. Dan il-ftehim jorbot liż-żewġ partijiet għal terminu ta' tlett snin.

Is-servizz ta' *counselling* se jkun qed jiġi offrut lil kull min jiġi bżonnu, kemm jekk familji, kif ukoll individwi ta' kull eta.

Kull min se jkun qed jagħmel użu minn dan is-servizz se jkun qed jintalab biss donazzjoni. Minkejja dan, familji jew individwi li lanqas ma jistgħu iħallsu donazzjoni, is-servizz lilhom ser jingħata xorta waħda mingħajr ebda obbligi ta' xejn.

Il-Ministru Michael Falzon faħħar lil kull min kien involut fil-proċess biex ftehim tali seta' kien possibbli u sostna li dan il-pass għandu jwassal lejn aktar tisħiħ f'dik li hi familja u s-soċjeta' ngenerali.

L-Avukat Arthur Galea Salomone, il-President tal-Moviment ta' Kana qal li sal-lum, il-perċezzjoni tas-soċjetà dwar il-Moviment kienet li dan jagħmel biss ħidma f'dik li hi preparazzjoni għaż-żwieġ, iżda sostna kif dan hu eżempju ieħor tal-attività kostanti u diversifikata tal-istess Moviment.

Din hi waħda fost numru ta' inizjattivi u proġetti bil-għan li f'kuntest nazzjonali u f'numru ta' oqsma tas-


PHOTO : DOI - Kevin Abela


V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

# Strateġija ta' Komunikazzjoni Ministerjali

## Ippreżentat it-Tieni Abbozz

**Tonio Bonello**
*Information & Communications Executive*
*Corporate-Wide Media & Communications MFCS*




Il-proċess li jkopri l-approvazzjoni u eventwalment, l-implimentazzjoni ħolistika tal-iStrateġija ta' Komunikazzjoni Wiesgħa għall-Ministeru għal Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali kompla nhar it-Tnejn 2 ta' Novembru 2018 b'laqgħa oħra, din id-darba b'mod informali ġewwa r-Rabat, Malta.

Il-laqgħa saret wara li aktar qabel saru l-emendi meħtieġa biex seta' kien ippreżentat it-tieni abbozz tal-istess Strateġija ta' Komunikazzjoni.

Matul il-laqgħa kien hemm qsim ta' idejat u proposti bil-għan li dawn ikunu ikkunsidrati biex possibbilment ikunu nklużi fi ħdan l-istess strateġija.

Essenzjalment il-prinċipju ewlieni li fuqu tinsab ibbażata din l-istrateġija jħares li jħaddan prinċipju fundamentali; dak li jżomm linja ċara ta' kontenut kompletament distakkat minn lenti jew direzzjoni ta' natura politika, iżda li jfittex biss li jinforma u jeduka dwar servizzi offruti mill-istess Ministeru.

It-tieni prinċipju hu dak ta' kif se jkun qed jitqassam ix-xogħol, jiġifieri li l-pubblikazzjoni "SOLIDarjetà" se tkun maħsuba u ntenzjonata speċifikament għall-impjegati waqt li "Familja" se tkun qed tindirizza l-udjenza pubblika.

Kien propost ukoll li jista' jsir stħarriġ professjonali bil-għan li dawk konċernati jkunu mgħarrfa b'dak li hu tassew meħtieġ u x'inhu dak li qed ifittxu l-udjenzi rispettivi u b'liema mezzi dawn qed ifittxu l-materjal meħtieġ jew mixtieq minnhom rispettivament.

Ingħatat ħarsa wkoll lejn id-diversità ta' inizjattivi kif proposti fl-iStrateġija oriġinali u kien suġġerit li dawn jitnaqqsu bl-iskop li l-funzjoni u l-operat tal-Uffiċċju tal-Komunikazzjoni Korporattiva jkun aktar iffukat fuq dawk l-aktar elementi konnessi speċifikament ma' media u komunikazzjoni.

Wara din il-laqgħa, bħalissa għaddej proċess ta' analiżi tat-tieni abbozz biex ikun studjat fid-dettal dak li ħareġ mid-diskussjoni biex eventwalment jibda x-xogħol fuq it-tielet abbozz tal-istess strateġija.

Għal dan il-għan, Bonello se jkompli bl-impenn li għandu jwassal għal preżentazzjoni tat-tielet abbozz rispettivament.

Għal laqgħa li bħas-soltu tmexxiet mis-Sur Mark Musù, is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru attendew fost oħrajn is-Sur Anton Ċesare, Direttur għas-Simplifikazzjoni tal-Burokrazija u s-sinjuri Claudia Mifsud, Assistent Direttur u Iris Camilleri Mifsud, Konsulenta—it-tnejn fi ħdan l-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti.

Attendiet ukoll is-sinjorina Sarah Borg mill-istess Uffiċċju, flimkien mas-sinjuri Archibald Attard, Peter Miceli Saydon u Tonio Bonello mill-oqsma tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni rispettivament.

Sadanittant minn din il-ħarġa bi pjaċir inħabbru żjieda fil-paġni minn għoxrin għal 24 fil-magazin, "Familja". Dan bħala parti minn pjan li jara li sa tmiem l-2019, dejjem fi sfond ta' deċiżjonijiet amministrattivi u editorjali li jistgħu jittieħdu, "Familja" se tkompli tiżdied fil-paġni u se tkun aktar diversifikata fil-kontenut ippreżentat.




V.18 VALLETTA EUROPEAN CAPITAL OF CULTURE 2018

# Ħelu Manna : Dak kollu li hu Malti

## Maħduma bizzilla

**Doris Zammit**
*Xandara Veterana*



**N**emmen li wara l-għasel, il-bizzilla taċ-ċombini hija l-aktar sengħa magħrufa magħna l-Maltin u anke mal-barranin. Għaldaqstant illum xtaqt inwassal lilkom tagħrif fil-qosor dwar din is-sengħa hekk rikka.

Fil-fatt it-tradizzjoni lokali tax-xogħol tal-bizzilla taċ-ċombini għadha ħajja u b'saħħitha f'Malta u Għawdex.

Jekk fil-gżira Għawdxija hemm sengħa li hija magħrufa għaliha bla dubju din hija s-sengħa tal-bizzilla. Hija sengħa ta' ħila kbira, reġgħet rat qawmien matul dawn l-aħħar snin, u hija mfittxija ħafna mill-barranin li jżuruna.

Din is-sengħa ilha fostna minn nofs is-seklu sbatax, imma għal kważi mitejn sena sħaħ kienet tinħadem biss minn sezzjoni żgħira ta' nisa Għawdxin.

Kienet xi ħaġa komuni ta' kuljum tara nisa jaħdmu l-bizzilla quddiem il-bieb tad-dar. In-nisa jaħdmu l-bizzilla kienet xena mill-ħajja normali ta' dari.

Jekk tmur tagħmel mixja għall-kwiet tul it-toroq ta' kwalunkwè raħal żgħir f'Għawdex x'aktarx li tara n-nisa fuq l-għetiebi ta' djarhom mehdija f'din it-tradizzjoni sabiħa.





It-tektika taċ-ċombini mat-trajbu hija l-għanja tal-bizzilla. M'hemmx waħda mingħajr l-oħra. Tant inxterdet is-sengħa tal-bizzilla li bdiet tintiret mill-omm għat-tifla ġenerazzjoni wara l-oħra.

Jingħad li s-sengħa tal-bizzilla daħlet f'Malta fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann. F'dak il-perjodu, il-bizzilla kienet meqjusa bħala xi ħaġa prestiġġjuża ferm peress li kienet għalja ħafna.

Kienet ġiet introdotta bħala aċċessorju tal-moda, bħala tiżjin għall-ilbies tan-nobbli u tal-aristokrazija. Kienu jilbsuha kemm l-irġiel u kif ukoll in-nisa nobbli u ftit ftit daħlet f'kull livell tas-soċjetà Maltija bis-sengħa tal-bizzilla tkun waħda mill-iktar negozji b'saħħithom.

Il-Maltin malajr urew interess u ħila f'din is-sengħa u pproduċew eżempji fini ta' bizzilla, li ntużaw mill-klassi l-għolja u mill-membri tal-kleru.

Bħal fi snajja' lokali oħrajn, l-ornament tas-salib ta' Malta żdied mal-bizzilla sabiex jagħtiha karattru Malti uniku.

Wara nuqqas u aktar tard qawmien tal-arti matul il-perjodu tal-ħakma Ingliża, ix-xogħol tal-bizzilla beda jiġi mfittex mill-Maltin ukoll, sabiex b'hekk kompliet tikber id-domanda.

Illum, il-bizzilla Maltija hija kommodità ta' preġju għoli u eżempji aktar rari ta' din is-sengħa jġibu prezzijiet tajbin ħafna f'irkantijiet.

Maż-żmien għamlet il-wisgħa għal modi oħra iżda sal-lum il-preġju ta' din it-tradizzjoni antika min-suġa mal-istorja ta' pajjiżna jibqa' mfittex mill-Maltin u l-barranin.

Agħti d-Demm
**Għada, tista' tkun Int...**
Żur iċ-Ċentru Nazzjonali tat-Trasfużjoni tad-Demm fi Gwardamanġia mit-Tnejn sal-Ħadd 8.00am - 6.00pm inkluż Festi Pubbliċi. Grazzi

Minn Paġna 18

# Ħelu Manna : Storja - Kultura - Tradizzjoni

## Il-bizzilla taċ-ċombini



**E**żattament xi tfisser il-kelma bizzilla? Il-bizzilla hija għamla ta' drapp maħdum għal skop ta' tiżjin, minsuġ ħajta ħajta.

Il-bizzilla taċ-ċombini tinħadem b'ħafna ħjut f'daqqa minflok ħajta ħajta. Din is-sistema evolviet mill-insiġ fuq in-newl Il-punt prinċipali li bih tinħadem il-bizzilla hu l-istess punt tan-newl.

Sintendi bħal kull sengħa oħra, biex taħdem il-bizzilla tinħtieġ l-għodda addattata.

Ġeneralment it-trajbu huwa magħmul mill-ewwel tiben, maħsud apposta biex ikun twil kemm jista' jkun.

Jekk it-tiben ma jkunx twil biżżejjed ikollhom itarġuh biex joħorġu t-tul meħtieġ bejn wieħed u ieħor, xi 20 pulzier jew inkella addattat għall-persuna. Ikun tond mhux ħażin u wiesgħa minn naħa ta'fuq u jidjieq in-naħa t'isfel.



*Consigla Azzopardi. "...aħna l-Għawdxin għandna drawwa li nagħmluh iżjed tond minn kullimkien u l-Maltin jagħmluh iżjed ċatt."*

It-trajbu wara li jimtela bit-tiben, jinkesa bix-xkora jew anke xi biċċa *jeans,* billi llum ma tantx għadna nsibu biċċiet tax-xkejjer. Jekk ma tużax ix-xkora addattata t-trajbu jitnawwar minn ġewwa.

Importanti li fejn ser jaħdem, wieħed ikollu bażi soda, biex il-labar ma joqogħdux jitbandlu u x-xogħol ma jiġix eżatt.

*Consigla Azzopardi:... " Wara dak irridu d-disinn. Id-disinn, illum għandna l-faċilità li nagħmluh aħna stess. Dari kien hawn nies apposta biex ipittru d-disinji. Illum irridu naħsbu għalih aħna.*

Il-ħajt li jintuża għax-xogħol tal-bizzilla aktarx ikun għażel, ħarir, tajjar, jew metall; fidda u deheb.

Preferiblment iċ-ċombini jkunu mkebbin minn ftit tal-jiem qabel biex joqogħdu għaliex inkella joqogħdu jiżolqu.

Consigla Azzopardi kitbet u ppubblikat diversi kotba kemm bil-Malti u bl-Ingliż dwar il-Bizzilla. Ta' min iżid jgħid li għalkemm din is-sengħa baqgħet tinħadem minn xi wħud, grazzi għall-ħidma bla heda ta' Consigla Azzopardi, dawn l-aħħar snin infetaħ kors akkademiku fl-Università ta' Għawdex għal dawk li jridu jitgħallmu din is-sengħa hekk rikka.

Din hekk qed tieħu l-post li jixirqilha mas-suġġetti



# It-Tnedija dwar l-Att tal-Protezzjoni tat-Tfal

## Approvat mill-Kabinet u mniedi proċess ta' konsultazzjoni pubblika

Inizjattiva reċenti mill-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali kienet dik dwar l-Att tal-Protezzjoni tat-Tfal li f'Ġunju li għadda kien approvat mill-Kabinet u eventwalment ġie mniedi proċess ta' konsultazzjoni pubblika.

F'dan il-proċess, partikolarment dak dwar il-Kura Alternattiva kienu nvoluti numru ta' sieħba fosthom l-Assoċjazzjoni tal-*Foster Carers,* l-Assoċjazzjoni tas -*Social Workers,* kif ukoll il-Knisja.

Il-liġi primarjament tiffoka dwar tfal li jkunu f'ċirkostanzi ta' *out-of-home care.* Il-kura u l-kustodja ta' dawn se tkun qed tgħaddi għand l-entitajiet, fosthom l-Aġenzija Appoġġ, il-*foster carers* u qraba tal-istess tfal.

Dan ifisser li deċiżjonijiet ta' kuljum issa se jkunu jistgħu jittieħdu minn min jieħu ħsieb il- minuri.

Fir-rigward tal-passaport, is-*Social Worker* li jkun responsabbli mill-każ speċifikament se jkun jista' japplika għal dan id-dokument hekk kif jiġi f'kuntatt ma' minuri li jkun tqiegħed f'*out-of-home care.*

Hekk se jkunu qed jiġu eliminati proċeduri ta' burokrazija ffaċċjati mill-istess tfal meta dawn ikunu meħtieġa jsiefru barra, kemm jekk għal btala pero' aktar, f'każijiet ta' mard.

Sal-lum, xi tfal setgħu għaddew minn tbatija f'kuntest ta' proċeduri burokratiċi jew fejn kunsens mill-ġenituri setà nżamm b'detriment għall-edukazzjoni u/jew il-kura tal-istess tfal.

Hekk l-aġenzija Appoġġ kellha tidħol il-Qorti bil-għan li tkun awtorizzata legalment tieħu azzjoni.

Fid-dawl ta' dan, id-Dipartiment konċernat dwar it -Tfal flimkien mal-aġenzija Appoġġ issa se jkunu jistgħu jemendaw kuntratt soċjali mingħajr il-kunsens tal-ġenituri.

Dan sakemm il-minuri jkun f'riskju li jista' jitlef, f'kuntest ta' saħħa u/jew edukazzjoni. Il-ġenituri però se jkunu jistgħu jirribattu l-azzjoni tal-aġenziji rispettivi fil-Qorti.

Għall-ewwel darba wkoll fl-istorja tal-Liġi ta' pajjiżna, din il-liġi tipprovdi wkoll għall-introduzzjoni ta' ċentru terapewtiku sigur.

Din il-liġi se tkun qed tħalli f'idejn id-Direttur rispettiv biex minuri b'ċerta mġieba jitpoġġew taħt kura terapewtika għal perjodu ta' żmien kif



> "The new year stands before us, like a chapter in a book, waiting to be written. We can help write that story by setting goals."
>
> **Melody Beattie**

## Malta 2019 Holiday Calendar

**January**

| Su | Mo | Tu | We | Th | Fr | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 |
| 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 |
| 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | | |

**February**

| Su | Mo | Tu | We | Th | Fr | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1 | 2 |
| 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 |
| 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 |
| 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 |
| 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | | |

**March**

| Su | Mo | Tu | We | Th | Fr | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1 | 2 |
| 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 |
| 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 |
| 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 |
| 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 |
| 31 | | | | | | |

**April**

| Su | Mo | Tu | We | Th | Fr | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 |
| 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 |
| 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 |
| 28 | 29 | 30 | | | | |

**May**

| Su | Mo | Tu | We | Th | Fr | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 1 | 2 | 3 | 4 |
| 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 |
| 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 |
| 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 |
| 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | |

**June**

| Su | Mo | Tu | We | Th | Fr | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | 1 |
| 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 |
| 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 |
| 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 |
| 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 |
| 30 | | | | | | |

**July**

| Su | Mo | Tu | We | Th | Fr | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 |
| 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 |
| 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 |
| 28 | 29 | 30 | 31 | | | |

**August**

| Su | Mo | Tu | We | Th | Fr | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | 1 | 2 | 3 |
| 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 |
| 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 | 17 |
| 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 | 24 |
| 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 | 31 |

**September**

| Su | Mo | Tu | We | Th | Fr | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 |
| 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 |
| 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 |
| 29 | 30 | | | | | |

**October**

| Su | Mo | Tu | We | Th | Fr | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| 13 | 14 | 15 | 16 | 17 | 18 | 19 |
| 20 | 21 | 22 | 23 | 24 | 25 | 26 |
| 27 | 28 | 29 | 30 | 31 | | |

**November**

| Su | Mo | Tu | We | Th | Fr | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | 1 | 2 |
| 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 |
| 10 | 11 | 12 | 13 | 14 | 15 | 16 |
| 17 | 18 | 19 | 20 | 21 | 22 | 23 |
| 24 | 25 | 26 | 27 | 28 | 29 | 30 |

**December**

| Su | Mo | Tu | We | Th | Fr | Sa |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 8 | 9 | 10 | 11 | 12 | 13 | 14 |
| 15 | 16 | 17 | 18 | 19 | 20 | 21 |
| 22 | 23 | 24 | 25 | 26 | 27 | 28 |
| 29 | 30 | 31 | | | | |

**Holidays**

| | |
|---|---|
| 1 Jan | New Year's Day |
| 10 Feb | Feast of St Paul's Shipwreck |
| 19 Mar | Feast of St Joseph |
| 31 Mar | Freedom Day |
| 19 Apr | Good Friday |
| 1 May | Workers' Day |
| 7 Jun | Sette Giugno |
| 29 Jun | Feast of St Peter and St Paul |
| 15 Aug | Feast of the Assumption |
| 8 Sep | Victory Day |
| 21 Sep | Independence Day |
| 8 Dec | Immaculate Conception |
| 13 Dec | Republic Day |
| 25 Dec | Christmas Day |

*Żomm din ir-rivistà miegħek matul is-sena l-ġdida billi twaħħalha mal-ħajt jew ma' notice board b'din il-faċċata tidher biex hekk għandek il-kalendarju tal-2019. Dan grazzi għas-sors holiday-calendar.com – Issa hawn taħt ħu ħsieb ikteb ftit riżoluzzjonijiet li int tixtieq tieħu b'serjetà u b'impenn matul is-sena l-ġdida. Nissuġġerixxu li ma tagħmilx aktar minn tnejn jew tlieta biex ma taqtax qalbek. "Familja" tixtieq*

## Ir-riżoluzzjonijiet tiegħi għall-2019

1 ______________________

2 ______________________

3 ______________________

